# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 8**

**Rikors numru 75/2023/1**

**Richard Cauchi**

**v.**

**[i] Reġjun Tramuntana, Reġjun Punent, Reġjun Ilvant, Reġjun Nofsinhar u Reġjun Għawdex u**

**[ii] Enemalta p.l.c.**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn Richard Cauchi kontra deċiżjoni mogħtija mill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi fit-30 ta' Jannar, 2023, fejn ġiet miċħuda t-talba tiegħu biex kuntratt jiġi

ddikjarat bħala ineffettiv taħt ir-**regolament 277 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (Leġislazzjoni Sussidjarja 601.03)**.

**Daħla**

2. B'rikors imressaq fil-15 ta' Novembru, 2022, Richard Cauchi talab lill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi sabiex għadd ta' kuntratti pubbliċi dwar il-bejgħ u l-manutenzjoni ta' prodotti tad-dawl, illi saru bejn l-Enemalta plc u bosta kunsilli lokali, kif rappreżentati mir-Reġjuni appellati, għandhom jiġu ddikjarati bħala ineffettivi peress li dawn ġew mogħtija mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż li kienu ħa jingħataw dawn il-kuntratti. Fil-qosor ħafna, Richard Cauchi argumenta li huwa ġie mċaħħad mill-opportunità li jieħu sehem fi proċedura kompetittiva biex jikseb dawn il-kuntratti pubbliċi minħabba l-fatt li dawn il-kuntratti ġew mogħtija b'mod preferenzjali lil Enemalta p.l.c. mingħajr ma biss saret sejħa għall-offerti. Bħala rimedju għalhekk Richard Cauchi talab lill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi sabiex jiddikara dawn il-kuntratti bħala ineffettivi u sabiex jiġi mħallas kumpens jew jiġu mwaħħla penali.

3. Enemalta plc wieġbet bl-eċċezzjonijiet: (i) li r-rikors huwa null għaliex ma fihx dettalji tal-kuntratti pubbliċi li dwarhom qed jintalab l-ineffettività; (ii) li l-kuntratt attakkat mhuwiex wieħed pubbliku għaliex

hemm nieqes fih l-interess pekunjarju; (iii) li l-azzjoni saret tard għaliex tressqet wara s-sitt xhur imsemmija fil-liġi; (iv) li l-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju għaliex dan ma daħal fl-ebda kuntratt ma' Enemalta plc; u (v) li ladarba l-kuntratt inkwistjoni jirreferi għal *Service of General Economic Interest*, anke jekk stess dan seta' ngħata b'mod illegali, dan ma jistax jiġi ddikjarat bħala ineffettiv skont ir-**Regolament 280(2) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**;

4. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali, fit-tweġiba tagħha, ukoll qajmet kemm l-eċċezzjonijiet preliminari li l-azzjoni saret wara s-sitt xhur previsti fil-liġi u li l-kuntratt ma jistax jiġi attakkat minħabba li ma fihx interess pekunjarju, kif ukoll l-eċċezzjoni fil-mertu li l-kuntratt, anke jekk jinsab li huwa irregolari, ma jistax jitlef l-effetti tiegħu għaliex huwa meħtieġ li jitkompla fl-interess ġenerali.

5. Richard Cauchi jgħid fir-rikors tal-appell tiegħu li saret talba mill-appellati, mhux opposta minnu, li l-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi kellu l-ewwel jiddeċiedi l-eċċezzjonijiet preliminari, b'dana li jekk dawn jiġu miċħuda, imbagħad dan kellu jissokta fuq il-mertu.

6. Il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi żamm smigħ pubbliku fit-12 ta' Jannar, 2023, kif jidher mill-minuti miġbura fis-sentenza

appellata.

7. B'deċiżjoni mogħtija fit-30 ta' Jannar, 2023, il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, bla ma stħarreġ l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-appellati, iddeċieda l-każ hekk:

> *«The articles relating to ineffectiveness of a contract within public procurement regulations refer to contracts that would have been awarded following a tendering process. (ARTICLE 277)*
>
> *In this case articles 277-283 do not apply as the contract agreement has been set between the Government of Malta and Enemalta since the services to be rendered are deemed as a Service of General Economic Interest.*
>
> *Consequently this appeal cannot be addressed by PCRB and neither can PCRB address any compensation requests being submitted in line with Article 278.»*

8. Richard Cauchi appella minn din is-sentenza fis-17 ta' Frar, 2023, biż-żewġ aggravji jkunu: (i) li s-sentenza tal-Bord hija nulla għaliex il-Bord qata' l-kawża fuq eċċezzjoni li ma kinitx għadha ġiet trattata mill-partijiet; u (ii) li f'kull każ, is-sentenza hija ħażina meta l-Bord qal li huwa ma jistax iqis talbiet ta' ineffettività li jolqtu kuntratti li jirreferu għal *Service of General Economic Interest*.

9. Enemalta plc wieġbet fid-9 ta' Marzu, 2023 u r-Reġjun Tramuntana wieġeb fit-22 ta' Marzu, 2022, u t-tnejn li huma qablu li huwa minnu li d-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi hija milquta minn difett proċedurali.

10. Ir-Reġjun Punent wieġeb fit-22 ta' Marzu, 2023 u qal li għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju.

11. Ir-Reġjun Ilvant u r-Reġjun Nofsinhar ma weġbux għall-appell.

12. B'nota tad-9 ta' Ġunju, 2023, l-appellant ippreżenta nota li biha ċeda l-atti fil-konfront biss tar-Reġjun Għawdex.

13. Inżamm smigħ fl-20 ta' Ġunju, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

14. L-**<u>ewwel aggravju</u>** mressaq minn Richard Cauchi jolqot is-siwi tad-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni Dwar Kuntratti Pubbliċi. Huwa jsostni li din id-deċiżjoni ma tiswiex għaliex suppost din kellha tiddeċiedi biss l-eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-appellati, iżda minflok din spiċċat biex qatgħet il-mertu, bla ma lanqas biss daħlet fuq l-eċċezzjonijiet preliminari. Jisħaq li huwa ma ressaq l-ebda sottomissjonijiet dwar il-mertu tal-kawża minħabba li jgħid li kien hemm ftehim bejn il-partijiet li l-ewwel kellhom jiġu mistħarrġa biss l-eċċezzjonijiet preliminari. Għalhekk jgħid li bis-sentenza tal-Bord, huwa ġie żvantaġġjat għaliex ma ngħatax

l-opportunità li jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu fuq il-mertu tal-każ.

15. Enemalta plc u r-Reġjun Tramuntana jaqblu ma' dan l-aggravju illi s-sentenza tal-Bord hija mniġġsa b'dan id-difett proċedurali.

16. Il-liġi tgħid fl-**Artikolu 790 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata għandha tiġi mistħarrġa mill-Qorti, jekk l-appellant juri li dik is-sentenza hija milquta minn difett li jolqot b'mod ħażin il-jedd ta' smigħ xieraq tiegħu. Ġie mtenni mill-qrati tagħna illi, «*meta sentenza tiġi mogħtija bi vjolazzjoni tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali, dik is-sentenza hija nulla u fost dawn il-prinċipji hemm dak importantissimu audi alteram partem*» (ara ***Design Elements Limited v. Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited***, Appell Inferjuri tat-8 ta' Ġunju, 2006).

17. M'hemmx dubju li anke l-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, bħal kull tribunal amministrattiv ieħor huwa marbut li jħares il-prinċipji tal-ġustizzja naturali (ara ***South Lease Limited v. Central Procurement and Supplies Unit et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022). Dan jinsab imsaħħaħ ukoll fl-**Artikolu 3(2)(a)** u **(ċ) tal-Att Dwar il-Ġustizzja Amministrattiva** li jgħid li fir-relazzjonijiet tagħhom mal-pubbliku, it-tribunali amministrattivi kollha għandhom jirrispettaw u jħaddmu l-prinċipji ta' mġiba amministrattiva tajba, fosthom illi jħarsu l-

prinċipji tal-ġustizzja naturali u li jagħtu l-opportunità lill-partijiet li jippreżentaw il-każ tagħhom, bil-kitba jew bil-fomm jew bit-tnejn, mingħajr ma jitqiegħdu fi żvantaġġ.

18. Fis-sentenza ***Markiż Anthony Cassar Desain et v. Giovanni Pace nomine***, Appell Superjuri tal-14 ta' Diċembru, 1964, kien ġa ġie mfisser illi l-prinċipju tas-smigħ xieraq ma jkunx ġie mħares jekk kawża tkun inqatgħet fil-mertu, «*bla ma jidher illi dwar dan il-mertu l-appellant kien għadu eżawrixxa l-provi tiegħu jew kellu l-opportunità li jissottometti l-argumenti tiegħu oralment».*

19. Il-qrati tagħna kellhom aktar minn okkażjoni waħda biex itennu li sentenza għandha titqies bħala nulla, jekk din bla raġuni tajba, twarrab ftehim li jkun intlaħaq mal-partijiet fil-kawża biex l-ewwel tingħata sentenza preliminari fuq punti speċifiċi; u minflok taqbad u tiddeċiedi l-mertu tal-kawża. Biżżejjed wieħed jara s-sentenzi ***Samuel Carmel Baldacchino v. Jesmond Aquilina*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2018 u ***L-Avukati Vincent Falzon et v. Regency Estates Ltd*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Novembru, 2006.

20. F'qagħda bħal din, il-partijiet għandhom kull jedd li jistennew li s-sentenza li kellha tingħata f'dak l-istadju tkun biss fuq il-punti li dwarhom inġabru l-provi u saru s-sottomissjonijiet. Kif ingħad mill-Qorti

Kostituzzjonali fis-sentenza tal-15 ta' Marzu, 1996, fil-kawża fl-ismijiet ***Perit Joseph Mallia v. Onor. Prim Ministru et***, irid jiġi żgurat li l-proċeduri jitmexxew b'mod li l-partijiet oġġettivament iħossu li jkunu ngħataw smigħ xieraq. Din l-assigurazzjoni tiġi għalkollox nieqsa meta l-partijiet, fi stadju tal-kawża jkunu manifestament ingħataw x'jifhmu li l-kawża sejra l-ewwel tiġi mistħarrġa u deċiża fuq l-eċċezzjonijiet preliminari qabel jiġi trattat u deċiż il-mertu, iżda mbagħad din tiġi maqtugħa fuq il-mertu (ara ***Peter Montebello v. L-Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar, 2011).

21. Jiġi b'hekk, li meta jirriżulta mill-atti tal-kawża, illi fid-data meta fil-fatt tkun ingħatat is-sentenza fuq il-mertu, il-kawża ma kinitx differita għal dan il-għan, imma kienet imħollija biex jiġu deċiżi kwistjonijiet oħra, hu xieraq li dik id-deċiżjoni tiġi mħassra peress li l-partijiet ma jkunux ingħataw l-opportunità li jsemmgħu leħinhom u jressqu l-provi tagħhom fuq il-mertu (ara ***Michael Fenech et v. Palm Holdings Ltd*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-18 ta' Ottubru, 2006).

22. Dan kollu meqjus, huwa f'idejn il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi li jiddeċiedi jekk huwa għandux iqis eċċezzjonijiet preliminari għalihom, qabel ma jisma' dwar il-meritu, jew jekk għandux jagħti deċiżjoni finali waħda, kemm fuq l-eċċezzjonijiet preliminari, kif ukoll fuq il-mertu (ara ***Associated Drug Company Limited v. Central***

***Procurement and Supplies Unit et***, Appell Superjuri tat-23 ta' Frar, 2022). Għalkemm kif intqal minn din il-Qorti, fis-sentenza ***Support Services Limited v. Aġenzija Sapport et*** mogħtija llum stess, il-Bord ta' Reviżjoni, b'ħarsien mal-ispirtu tar-**Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (Leġislazzjoni Sussidjarja 601.03)**, li jridu li l-appelli quddiemu għandhom jiġu deċiżi b'ċertu ħeffa, għandu jieqaf milli jordna jew jaċċetta li jaqsam l-appell f'sentenzi separati, imma għandu jeżiġi li l-appell għandu jiġi trattat kollu f'daqqa u wara jagħti sentenza finali.

23. Naturalment, li kawża tinqata' b'sentenza waħda hija r-regola u mhux l-eċċezzjoni (ara ***Avukat Tonio Azzopardi v. Avukat Ġenerali*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019). Għalhekk f'dan il-każ, l-appellant jeħtieġlu juri li tabilħaqq kien hemm qbil bejn il-partijiet u l-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, li ma tingħatax sentenza waħda fuq kollox, imma li l-ewwel tingħata sentenza preliminari fuq l-eċċezzjonijiet preliminari tal-appellati. F'ċirkostanzi bħal dawn, hija meħtieġa prova ċara u konklużiva illi tassew kien hemm xi ftehim bħal dak (ara ***Fire-Tech Limited v. Dipartiment tal-Kuntratti*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru, 2015).

24. Il-fatt waħdu li quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, l-avukat tal-parti ma jkunx tratta fuq il-punti kollha, iżda jkun tkellem biss fuq punti speċifiċi marbuta mal-kawża, ma jsarrafx b'daqshekk bħala

prova bizżejjed soda li l-Bord ikun aċċetta li l-ewwel għandu jiddeċiedi biss dawk il-punti li ġew trattati mill-avukati, u jħalli l-punti l-oħra mhux trattati għal sentenza oħra jekk ikun il-każ (ara ***Al-Nibras for Science & Technology Limited v. Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu, 2019).

25. Mod ieħor irid jintwera mill-atti, illi l-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi jkun aċċetta permezz ta' xi digriet jew verbal, jew għallinqas ta x'jifhem waqt it-tmexxija tas-smigħ, illi huwa kien qiegħed jaqbel li l-ewwel għandu jiddeċiedi xi punt jew punti preliminari, qabel ma jidħol biex iqis il-mertu (ara ***Pharma-Cos Limited v. Central Procurement and Supplies Unit et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' April, 2016).

26. Illi fil-każ tagħna, ma jirriżultax li ngħata xi digriet jew provvediment speċifiku min-naħa tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, li jgħid li l-ewwel kellu jkun hemm deċiżjoni biss fuq l-eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-appellati. **Madankollu Richard Cauchi, Enemalta plc u r-Reġjun Tramuntana** qablu li kien hemm ftehim bejniethom li l-Bord suppost kellu l-ewwel jissokta billi jagħti deċiżjoni fuq l-eċċezzjonijiet preliminari.

27. Dwar dan l-aspett, fis-sentenza appellata nsibu mniżżel li waqt is-smigħ tal-kawża, kien sar dan il-verbal:

> *«Dr Joseph Camilleri Legal Representative for Mr Cauchi said that he had filed three similar applications and requested that they be heard simultaneously as the preliminary pleas in all three cases were identical. This was agreed to by all parties.»*

28. Tassew li dan il-verbal forsi mhuwiex daqshekk kategoriku fuq il-ftehim li kellu jkun hemm sentenza preliminari, minħabba li dan il-verbal aktar jitkellem fuq il-fatt li t-trattazzjoni ta' din il-kawża kellha tgħodd ukoll għal żewġ kawżi oħra li jixxiebħu. Madankollu mit-trattazzjoni li saret mill-avukati tal-partijiet u li ġiet reġistrata fis-sentenza appellata, jidher li tabilħaqq kien hemm dan l-intendiment bejn il-partijiet, *viz*. li l-ewwel jiġu mistħarrġa l-eċċezzjonijiet preliminari, qabel ma jintmiss il-mertu tal-kawża.

29. Kemm hu hekk, it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet kienet iddedikata, tista' tgħid kollha kemm hi, fuq dawn l-eċċezzjonijiet preliminari dwar l-ammissibilità tal-azzjoni mibdija mill-appellant; tant li ma tressqu l-ebda provi u l-ebda sottomissjonijiet mill-partijiet dwar il-mertu tal-ilment tal-appellant, jiġifieri li l-kuntratti bejn l-appellati saru irregolarment bi ksur tal-liġi.

30. M'hemmx dubju li kien ikun ħafna aħjar, li kieku l-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi vverbalizza jew ta' digriet dwar kif kien beħsiebu jindirizza l-eċċezzjonijiet preliminari, jiġifieri, jekk hux b'sentenza għal rasha jew inkella b'sentenza flimkien mal-mertu. B'dan il-mod, il-partijiet

kollha kienu jkunu jafu fejn qegħdin u b'hekk ikunu jistgħu jirregolaw ruħhom fil-provi u fis-sottomissjonijiet tagħhom.

31. Ifisser dan, li meta l-avukat ta' Richard Cauchi saħaq li huwa kien ħa jitratta biss l-eċċezzonijiet preliminari u jirriżerva li jitratta l-mertu aktar 'il quddiem, wara li jiġu deċiżi dawn l-eċċezzjonijiet preliminari, il-Bord messu ġibed l-attenzjoni tal-avukat li huwa kien ħa jagħti sentenza waħda fuq kollox u mhux iħallih bl-impressjoni li s-sentenza kienet ħa tkun biss fuq l-eċċezzjonijiet preliminari.

32. Il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi għalhekk ma amministrax il-ġustizzja b'mod tajjeb, meta ħalla li t-trattazzjoni ssir biss fuq l-eċċezzjonijiet preliminari tal-appellati, biex imbagħad fis-sentenza tiegħu huwa ddeċieda fuq eċċezzjoni oħra. Bil-mod ta' kif mexa l-Bord, huwa ċaħħad lil Richard Cauchi mill-fakultà li jressaq il-provi u s-sottomissjonijiet tiegħu dwar dik l-eċċezzjoni li mhux suppost kellha tiġi deċiża f'dak l-istadju.

33. Richard Cauchi huwa siewi fiċ-ċensura tiegħu lejn is-sentenza appellata u għalhekk l-appell tiegħu sejjer jiġi milqugħ u d-deċiżjoni tal-Bord sejra tiġi mħassra.

34. Naturalment ladarba qiegħed jintlaqa' l-ewwel aggravju, din il-Qorti

m'għandhiex għalfejn tidħol biex tqis it-**<u>tieni aggravju</u>**. Madankollu biex ma jinħolqux ekwivoċi u ma jkunx hemm ħela ta' żmien, ikun aħjar li hija tistħarreġ dan l-aggravju wkoll, sabiex tagħti direzzjoni legali korretta dwar it-tifsir tar-**regolament 280(2) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**.

35. Din il-Qorti tgħid mill-ewwel li l-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi mhuwiex legalment fejjiedi meta jgħid li azzjoni dwar l-ineffettività ta' kuntratt mibdija taħt ir-**regolament 277 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**, ma tistax titressaq dwar kuntratt magħmul bejn il-Gvern ta' Malta u l-Enemalta plc.

36. Sakemm ma jkunx hemm iċ-ċirkostanzi msemmija fir-**regolament 8 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**, kuntratti pubbliċi bejn entitajiet fis-settur pubbliku jridu jħarsu u jimxu mar-**Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**, indaqs bħal meta l-kuntratt pubbliku jsir ma' entità privata.

37. Huwa veru li r-**regolament 280(2) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku** jgħid li:

> *«Il-Bord ta' Reviżjoni ma jistax jiddikjara kuntratt bħala ineffettiv, minkejja l-fatt li jkun ġie mogħti illegalment, għar-raġunijiet imsemmija fir-regolament 277, jekk il-Bord ta' Reviżjoni jikkonkludi, wara li jeżamina l-aspetti kollha rilevanti, li r-raġunijiet aktar importanti li jirrigwardaw interess ġenerali jeħtieġu li l-effetti tal-kuntratt għandhom jinżammu fis-seħħ.»*

38. Dan ir-regolament iżda ma jfissirx kif donnu interpretah ħażin il-Bord, li kull kuntratt pubbliku bejn entitajiet fis-settur pubbliku huwa awtomatikament meħlus mid-dispożizzjonijiet tar-**regolament 277**, li għandhom x'jaqsmu mal-ineffettività ta' kuntratti.

39. Mod ieħor, ir-**regolament 280(2)** ifisser biss li anke jekk kuntratt pubbliku jinstab li jkun ingħata b'mod illegali, il-Bord għandu diskrezzjoni li ma jwaqqafx dak il-kuntratt, jekk kemm-il darba mill-għarbiel tal-provi miġbura quddiemu, jirriżulta li jkun tabilħaqq aħjar fl-interess ġenerali li dak il-kuntratt jibqa' fis-seħħ minħabba l-konsegwenzi li jistgħu jinħolqu lill-pubbliku, jekk dak il-kuntratt ma jibqax jgħodd.

40. Bilkemm għandna għalfejn ngħidu, il-Bord ta' Reviżjoni għandu jdur fuq ir-**regolament 280(2)** f'każijiet biss eċċezzjonali u straordinarji għaliex ir-regola għandha tkun li kuntratti illegali għandhom jiġu mwaqqfa u mhux tollerati.

41. Hekk ukoll il-fatt waħdu li kuntratt partikolari jkun ġie msejjaħ bħala *Service of General Economic Interest*, m'għandux ifisser b'daqshekk li dak il-kuntratt huwa wieħed li jaqa' fl-eċċezzjoni msemmija fir-**regolament 280(2)**. Mhuwiex l-isem tal-kuntratt li jgħodd imma s-sustanza tiegħu. Jaqa' għalhekk fid-dmir tal-Bord ta' Reviżjoni dwar

Kuntratti Pubbliċi li jixtarr jekk fl-interess pubbliku huwiex aktar importanti li kuntratt illegali jiġi mwarrab jew inkella illi dan jinżamm fis-seħħ.

42. Illi fil-każ tal-lum, billi għad irid jiġi stabbilit jekk il-kuntratt li sar bejn l-appellati huwiex wieħed illegali jew le għall-għanijiet tar-**regolament 277**, il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi ma setax jinqeda b'dan ir-**regolament 280(2)**.

43. Jiġi b'hekk, li anke t-tieni aggravju huwa mistħoqq.

44. Fl-aħħar nett dwar l-ispejjeż ta' din il-proċedura, il-Qorti tara li huwa xieraq li timxi fuq il-prinċipju ta' *error judicis error partis*. Ladarba dan l-appell ġie xprunat minħabba l-mod ħażin kif ipproċeda l-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, huwa xieraq li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha marbuta ma' dan l-appell.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell u b'hekk qiegħda tħassar id-deċiżjoni mogħtija fit-30 ta' Jannar, 2023 u tibgħat l-atti lura lill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi biex jisma' u jiddeċiedi l-każ mill-ġdid.

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
da